Whereas by virtue of a decree delivered on the 25th January 2007 in the records of application number 10/2007(CSH) by Carmelina Cassar, wife of Emmanuel Cassar, Thursday, 8th March, 2007 at 8.45 a.m. in Hall "A" of this Court, has been scheduled for the publication of the secret will of Giuseppe Spiteri, a bachelor son of the late Giovanni Spiteri and of the late Dolores neé Mizzi, born in and residing in Victoria, Gozo, where he died on the 18th November 2006 (Identity Card number 34129(G)), and which will was filed in the Registry of this Court by Notary Dr. Paul G. Pisani on the 20th August 1992. This said publication is to be effected by said Notary.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction.

This 30th January 2007

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar

194

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 880/94 PS, fl-ismijiet Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fit-30 ta' Ottubru 2006, Ċitazz. Numru 880/94 PS, Victor u Josephine sive Josette Mangion vs Raphael u Jennifer konjugi

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 19th January 2007, in the records of the Writ of Summons Number 880/94 PS, in the names Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, on the 30th October 2006, Writ of Summons Number 880/94 PS, Victor and Josephine sive Josette Mangion vs Raphael

Aquilina, ir-rikorrenti konvenuti Raphael (ID 434061M) u Jennifer (ID 227464M) konjugi Aquilina, esponew bir-rispett:

1. Illi b'Ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-28 ta' Ġunju 1994, l-atturi wara li ppremettew li:

Fil-11 ta' Mejju 1990 (atti Nutar Henry Vassallo) (Dok A) l-atturi akkwistaw porzjoni art magħrufa bħala Tas-Siek sive Tal-Kappara, fil-limiti parrokkjali ta' San Ġiljan

...Omissis...

Illi l-konvenuti huma proprjetarji ta' proprjetà attigwa u cioé tal-plot numru 8 ta' l-istess art;

Illi qamet problema fuq il-konfini bejn iż-żewġ proprjetajiet u inoltre l-konvenuti okkupaw parti mill-proprjetà spettanti lill-atturi

...Omissis...

Talbu għalhekk l-atturi lil dik l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tistabilixxi l-konfini bejn l-imsemmija proprjetà tal-kontendenti permezz ta' posti u sinjali permanenti u dan jekk hemm bżonn b'opra ta' periti nominandi;

2. Tistabbilixxi u tiddetermina dik il-parti tal-proprjetà li ġiet illegalment okkupata mill-konvenuti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li lilhom prefiss jiżgumbraw minn din il-parti tal-proprjetà ta' l-atturi li okkupaw abbusivament u fin-nuqqas tawtorizza li jiżgombra lill-konvenuti mill-istess u li jneħħi kull forma ta' xkiel u ingombru fuq l-istess proprjetà ta' l-attur;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

2. Illi l-konvenuti eċċipew:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjenti ma bnewx fuq art ta' l-atturi iżda biss fuq il-proprjetà tagħhom;

Illi bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ, jekk l-atturi għandhom art inqas milli xtraw, huma għandhom dritt ta' rivalsa kontra mingħand min xtrawha u mhux mingħand eċ-ċipjenti li xtraw l-art tagħhom qabel l-atturi u mingħand l-istess vendituri tagħhom;

Illi bla preġudizzju u fi kwalunkwe każ it-tielet talba attriċi hija dejjem insostenibbli għaliex l-eċċipjenti kienu dejjem in

and Jennifer spouses Aquilina, the applicants defendants Raphael (ID 434061M) and Jennifer (ID 227464M) spouses Aquilina, pleaded with respect:

1. That by means of a Writ of Summons filed in the First Hall Civil Court on the 28th June 1994, the plaintiffs after having premised that:

That on the 11th May 1990 (deed Notary Henry Vassallo) (Doc A) the plaintiffs acquired a portion of the land known as Tas-Siek sive Tal-Kappara, in the parocchial limits of St. Julian's

...Omissis...

That the defendants are the owners of the contiguous property and that is plot number 8 of the same land;

That a problem arose regarding the borders between the two properties and furthermore the defendants occupied part of the property due to the plaintiffs

...Omissis...

Thus the plaintiffs asked so that the said Honourable Court;

1. Establish the borders between the said property of the parties by means of posts and permanent signs and if necessary by the appointment of architects;

2. Establish and determine that part of the property which was illegally occupied by the defendants;

3. Condemn the defendants so that within a short and peremptory period fixed to them, they vacate from that part of the property of the plaintiffs, they abusively occupied and failing which to authorize that they evict the defendants from the same and to remove any form of obstacles and inconvenience on the property of the plaintiff;

With costs against the defendants;

2. That the defendants pleaded:

That the plaintiff's claims are unfounded in fact and at law, since the appellants did not build on land of the plaintiffs but on their own property;

That without prejudice and in any case, if the plaintiffs have lesser land than they bought, they have a right of reimbursement from the vendors, and not from the appellants, who bought their land before the plaintiffs and from the same vendors;

That without prejudice and in any case the third demand of the plaintiffs is always unsustainable because the appellants

buona fede u kwindi semmai huwa applikabbli l-Artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi b'sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-9 ta' Marzu 2003, ġie deċiż illi bil-bini erett mill-konvenuti saret invażjoni ta' porżjoni mill-art, proprjetà ta' l-atturi u li tali invazjoni kienet waħda in buona fede;

4. Illi għalhekk, in segwitu għal din is-sentenza preliminari, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tmur fuq il-vertenza sabiex tistabilixxi l-kwantum ta' l-indenità għall-art okkupata u tar-riżarċiment tad-danni, kif kontemplati fl-Artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Illi b' sentenza oħra mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2006, il-Prim'Awla, iddeċidiet il-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' l-indenniż għall-art invaża u tar-riżarċiment ta' kull ħsara fl-ammont komplessiv ta' tlettax-il elf disa' mija u sitt liri Maltin sitta u sittin ċenteżmu (Lm13,906.66.0) u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata, bl-imgħaxijiet mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża jitbatew interament mill-konvenuti.

6. Illi l-esponenti ħassew irwieħhom aggravati minn din l-aħħar sentenza tal-11 ta' Ottubru 2006,

...Omissis...

7. Illi l-aggravju ta' l-appellanti huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dak li se jiġi sottomess.

8. Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-interpretazzjoni u applikazzjoni ta' l-Artikolu 571 tal-Kodiċi Ċivili adottata mill-Ewwel Qorti, fir-rigward tal-punctum temporis li huwa rilevanti sabiex abbażi tiegħu jiġi ffissat l-valur ta' l-art in kwistjoni

...Omissis...

L-Ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet li tali valur għandu jiġi ffissat abbażi tal-valur li jkollha l-art fil-mument li din tiġi dikjarata li għandha tkun proprjetà ta' min bena fuqha u inkorporata fil-proprjetà tiegħu u għalhekk minkejja li l-art ġiet inkorporata mill-appellanti f'Mejju 1990 – meta l-valur tagħha kien elfejn, mija u erbgħa u tmenin liri Maltin (Lm2,184) applikat minflok il-valur li l-istess art kellha meta fid-9 ta' Marzu 2005 (ħmistax il-sena wara) ġiet dikjarta mill-istess Qorti li ġiet invaża in buona fede;

...Omissis...

were always in good faith and thus if ever Article 571 of the Civil Code is applicable;

Saving further pleas;

3. That by a preliminary judgement given by the First Hall Civil Court on the 9th March 2003, it was decided that by means of the building erected by the defendants, a part of the land property of the plaintiffs was invaded and that the said invasion was in bad faith;

4. That thus, following this preliminary judgement the Honourable Court of First Instance had to revert to the dispute in order to establish the quantum of the indemnity for the land occupied and reimbursement of the damages, as contemplated in Article 571 of the Civil Code.

5. That by another judgement delivered on the 11th October 2006, the First Hall Civil Court, decided the question of liquidation of the indemnity for the land invaded and the reimbursement of any damage in the global amount of thirteen thousand nine hundred and six Maltese liri and sixty six cents (Lm13,906.66.0) and consequently condemn the defendants, to pay the plaintiffs the sum so liquidated, with interests from the date of the judgement and the judicial expenses of the cause are to be borne entirely by the defendants.

6. That the appellants felt aggrieved by this last judgement of the 11th October 2006,

...Omissis...

7. That the grievance of the appellants is clear and manifest and consists in what is being submitted.

8. That the first grievance of the appellants regards the interpretation and application of Article 571 of the Civil Code adopted by the Court of First Instance as regards the punctum temporis which is relevant so that on its basis there be fixed the value of the land in question

...Omissis...

The Honourable Court of First Instance decided that such value is to be fixed on the basis of the value that the land shall have at the moment that this be declared that it is to be the property of who has built on it and incorporated it in his property and thus despite that the land was incorporated by the appellants in May 1990 –when its value was two thousand one hundred and eighty four Maltese Liri (Lm2, 184) applied instead the value which the same land had when on the 9th March 2005 (fifteen years after) it was declared by the same Court that it was invaded in good faith;

...Omissis...

9. Illi għalhekk skond is-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti waslet biex tiddetermina l-kumpens spettanti lill-atturi billi wżat bħala bażi iż-żmien l-iktar qrib għal pronunzjament ġudizzjali li l-art invaża għandha tiġi ritenuta ta' l-appellanti minflok kif jirritjenu l-appellanti,

...Omissis...

10. Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, ir-raġunament minnha adottat huwa fl-umli opinjoni ta' l-appellanti mhux biss inkorrett iżda ukoll jikkontrasta mal-ġurisprudenza prevalenti in materja

...Omissis...

11. Illi l-appellanti jikkondividu kompletament ma' dan ir-raġunament fis-sentenza preċitata. Fil-fatt mhuwiex biss id-diċitura ta' l-Artikolu 571 li jtendi li bħala loġika għandu jintuża l-valur fiż-żmien ta' l-invażjoni, iżda wkoll l-elementi bażiċi u essenzjali li jridu jkunu jeżistu sabiex min jusurpa art ta' ħaddieħor, minnflok jiġi ordnat jirreintegraha lil sidha fil-pusssess tagħha, jingħata d-dritt li jsir proprjetarju tagħha bis-saħħa ta' dan l-Artikolu, kemm-il darba jkun aġixxa in buona fede. Fil-kawża fl-ismijiet 'Michele Peresso et vs Ruth Gatt' deċiza, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-2 ta' Ottubru 2002, il-Qorti osservat dwar id-dritt mogħti taħt l-Artikolu 571;

'L-element sine qua non li jesiġi dan l-Artikolu biex tavvera ruħha l-aċċessjoni mal-proprjetà ta' min ikun għamel kostruzzjoni fuq il-fond tal-ġar huma s-segwenti:

a. L-okkupazzjoni għandha ssir bi buona fede u
b. Il-kostruzzjoni trid tkun saret bil-konoxxenza tal-ġar u

ċ. Mingħajr ebda oppożizzjoni da parti ta' l-istess ġar'

Issa huwa ovvju li l-eżami li jsir sabiex jiġi stabbilit jekk dawn l-element jeżistux huwa eżami ppernjat fil-mument li tkun saret l-invażjoni.

...Omissis...

12. Illi l-konsiderandi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-kumpens għandu jkun ibbażat fuq il-valur ta' l-art fil-mument meta ngħatat is-sentenza li applikat id-dritt ta' trasferiment favur l-appellanti, huwa żbaljat għaliex il-kumpens ma jistax jissejjaħ ekwitattiv meta jiġi jiddependi minn azzjonijiet arbitrarji jew ċirkostanzi fortuwiti bħal per eżempju;

...Omissis...

9. That thus according to the judgement appealed, the Court of First Instance arrived to determine the compensation due to the plaintiffs by using as a basis the time which is closer to the Court decision, that the land invaded is to be held as belonging to the appellants instead as the appellants held

...Omissis...

10. That with all respect to the Court of First Instance, the reasoning adopted by it is in the humble opinion of the appellants, not only incorrect but also contrasts with the prevailing jurisprudence in the matter

...Omissis...

11. That the appellants completely agree with the reasoning in the above mentioned judgement. In fact it is not only the wording of Article 571 which holds that logically there should be adopted the value at the time of the invasion, but also the basic and essential elements which are to exist so that who usurps other people's land, instead of being ordered to give back the owner its possession , he is given the right to become its owner in virtue of this Article, once he has acted in good faith. In the cause in the names 'Michele Peresso et vs Ruth Gatt' decided by the First Hall Civil Court, on the 2nd October 2002, the Court observed regarding the right given under Article 571;

'The elements which this Article requires sine qua non in order that the accession with the property of the party who has constructed on the land of the neighbour takes place are the following:

a. The occupation is to take place in good faith and
b. The construction has to be made with the knowledge of the neighbour and
c. Without any opposition on the part of the same neighbour'

Now it is obvious that the examination that has to be made in order to establish whether these elements exist is an examination based on the moment, that the invasion has taken place

...Omissis...

12. That the reasonings of the Honourable Court of First Instance, that the compensation is to be based on the value of the land at the moment when the judgement which applied the right of transfer in favour of the appellants, is mistaken, because the compensation cannot be considered fair when it is dependent on arbitrary or fortuitous circumstances such as for example;

...Omissis...

13. Illi l-interpretazzjoni ta' l-appellanti ta' l-Artikolu 571 ġiet ukoll segwita fil-kawża fl-ismijiet ' Champalin Company Limited vs Emanuel Debono et' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti adottat il-valur, fissat mill-perit tekniku , ta' l-art fiż-żmien li l-konvenuti kienu xtraw l-art tagħhom u bdew jiżviluppawha,

...Omissis...

14. Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet adezjoni favorevoli ta' ġudikanti oħra,

...Omissis...

15. Illi inoltre l-appellanti jerġgħu jagħmlu riferenza għas-sottomissjoni rilevata lill-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-paragun li jista jittieħed bejn il-każ bħal dak odjern u l-każ ta' meta xerrej isofri evizzjoni minn parti mill-art li jkun akkwista. Fil-każ ta' evizzjoni l-artikolu 1418 tal-Kodiċi Ċivili jistipula;

...Omissis...

16. ...Omissis...

17. Illi in vista tas-suespost l-appellanti għalhekk jissottomettu li l-valur tal-art in kwistjoni għandu jkun kif stabbilit mill-perit tekniku Edgar Rossignaud fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu, u cioé elfejn mija erbgħa u tmenin lira maltija (Lm2,184).

18. Illi t-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda r-risarċiment tad-danni li ġie determinat mill-Ewwel Qorti bħala pagabbli lill-atturi. Anke, f'dan il-kuntest, l-Ewwel Qorti ddipartiet mill-ġurisprudenza nostrali li dejjem sostniet li d-danni ma jistgħu jkunu xejn għajr l-imgħaxijiet fuq is-somma ffissata bħala l-valur ta' l-art fil-mument ta' l-invażjoni sad-data tal-pagament effettiv u esponiet il-kunċett li d-danni għandhom effettivament jiġu valutati 'in miżura tad-deprezzament li jidderivi lill-art li jkun baqa b'effett ta' l-okkupazzjoni ta' porzjoni oħra minnha' Abbażi ta' dan il-kunċett imbagħad, l-Ewwel Qorti ħadet bħala bażi l-komputazzjoni ta' tletin elf liri maltin (Lm30,000) li l-perit tekniku stima bħala t-telf lukrattiv tal-binja fuq l-art residwali li kieku din kellha tinbiegħ fis-suq u arbitrio boni viri ddeterminat bħala danni pagabbli mill-appellanti t-terz (1/3) ta' din l-istima wara li naqqset il-valur ta' wiċċ l-art okkupata biex b'hekk waslet għal figura ta' tmint elef sitta u erbgħin lira maltija u sitta u sittin ċenteżmu (Lm8,046.66).

19. Illi dan l-aggravju kif ġa intqal fil-paragrafu preċedenti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li d-danni jikkonsistu

13. That the interpretation of the appellants of Article 571 was also followed in the cause in the names 'Champalin Company Limited vs Emanuel Debono et' decided by the First Hall Civil Court on the 1st March 2004, where the Court adopted the value, fixed by the technical expert, of the land at the time that the defendants had bought their land and started to develop it

...Omissis...

14. That in the judgement appealed, the Honourable Court of First Instance, upheld the favourable decisions of other adjudicators

...Omissis...

15. That furthermore the appellants refer once again to the submission made by the Honourable Court of First Instance, regarding the comparison that can be made between the present case and the case the purchaser is evicted from part of the land he has acquired. In the case of eviction article 1418 of the Civil Code stipulates

...Omissis...

16. ...Omissis...

17. In view of the above the appellants thus submit that the value of the land in question is to be as established by the technical referee Edgar Rossignaud in his last report, and that is two thousand one hundred and eighty four Maltese liri (Lm2,184).

18. That the second grievance of the appellants regards the reimbursement of damages which was determined by the Court of First Instance as payable to the plaintiffs. Even, in this context, the Honourable Court of First Instance departed from our jurisprudence, which always upheld that the damages cannot be more than the interests on the sum fixed as the value of the land, at the time of the invasion till the time of the effective payment and exposed the concept that the damages are to be effectively valued 'in the light of the depreciation which the land left, suffers as a result of the occupation of another portion of the land' On the basis of this concept the, the Court of First Instance took as a basis the computation of thirty thousand Maltese liri (Lm30,000) that the technical referee estimated as the loss of the building on the residual land, if this were to be sold on the market and arbitrio boni viri determined as damages payable by the appellants the third (1/3) of this aestimation after reducing the value of the land surface occupied so that it arrived to the figure of eight thousand and forty six Maltese liri and sixty six cents (Lm8,046.66).

19. That this grievance as already stated in the preceeding paragraph it was always upheld in our jurisprudence that the

fl-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata u xejn iżjed.

20. Illi sussidjarajament u bla preġudizzju fi kwalunkwe każ jiġi umilment sottomess li r-raġunament adotta mill-Ewwel Qorti huwa żbaljat taht diversi aspetti;

(a) Li kieku wieħed kellu jabbraċċja l-kunċett tad-deprezzament tal-art residwali espost mill-Ewwel Qorti, fuq il-bażi tal-istess prinċipji sottomessi fl-ewwel aggravju ta' dan l-appell, il-punctum temporis għal biex jiġi miżurat id-deprezzament għandhu jkun il-valur ta' l-art residwali fil-mument li l-porzjoni l-oħra ġiet okkupata mill-appellanti,

...Omissis...

(b)Ċertament l-istess stima ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000) stabbilita mill-perit tekniku ma setgħet u ma tista' qatt tiġi użata bħala bażi sabiex jiġi miżurat id-deprezzament għaliex tali stima mhux biss tinkludi l-valur ta' l-art okkupata mill-appellanti iżda tinkludi l-binja li l-atturi appellati għażlu u ddeċidew arbitrarjament li jikkostruwixxu fuq il-bqija ta' l-art tagħhom.

(ċ) Fi kwalunkwe każ il-perċentwali ta' terz (1/3) ta' l-istma rakkomandata mill-perit tekniku li l-Qorti stabbiliet arbitrium boni viri ma tirrifletti bl-ebda mod ekwita bejn id-danni rekati u dak soffert iżda preġudizzju sostanzjali lill-appellanti

...Omissis...

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jagħmlu riferenza għal provi ġa prodotti u dawk produċibbli f'dan l-istadju ta' l-appell, umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2006, billi tiddikjara li l-indennizz għall-art invaża u r-riżarċ iment ta' kull ħsara m'għandhiex tkun is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf disa' mija u sitt liri maltin u sitta u sittin ċ enteżmu (Lm13,906.66) iżda li l-indennizz għall-art invaża għandu jkun elfejn mija erbgħa u tmenin lira maltija (Lm2,184) u li r-riżarċiment għad-danni għandhom ikunu l-imgħaxijiet legali fuq l-istess somma mid-data tal-usurpazzjoni, cioé minn Mejju 1990.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-atturi appellati.

Appellati: Victor u Josephine Mangion,
'Kejla' 122,
Triq Antonio Schembri,
Kappara, San Ġwann.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli Superjuri) illum 30 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

damages consist in the interests on the sum liquidated and nothing more.

20. That subsidiarily and without prejudice and in any case it be humbly submitted that the reasoning adopted by the Court of First Instance is wrong under various aspects;

(a) If one had to adopt the concept of the depreciation of the residual land exposed by the Court of First Instance, on the basis of the same principles submitted in the first grievance of this appeal , the punctum temporis, in order to measure the depreciation is to be the value of the residual at the moment that the other portion was occupied by the appellants

...Omissis...

(b) Certainly the same evaluation of thirty thousand maltese liri (Lm30,000) established by the technical referee could never and could never have been used as a basis, in order to measure the depreciation because the said evaluation, not only includes the value of the land occupied by the appellants but includes the building that the respondent plaintiff chose and arbitrarily chose to construct on the rest of their land.

(c) In any case the percentage of one-third (1ċ3) of the recommended evaluation by the technical referee and which the Court established arbitrium boni viri does fairly reflect in any manner, the damages caused and that suffered but substantial prejudice to the appellants

...Omissis...

Thus the appellants whilst referring to the proof already brought forward and those producible at the appeal stage, hmbly ask that this Honourable Court, reform the judgement appealed delivered on the 11th October 2006, by declaring that the compensation for the land invaded and the reimbursement of all damage should not be the global sum of thirteen thousand nine hundred and six Maltese liri and sixty six cents (Lm13,906.66) but the compensation for the land invaded, should be two thousand one hundred and eighty four Maltese Liri (Lm2,184) and the reimbursement of damages are to be the legal interests, on the same sum from the date of the usurpation, that is May 1990.

With costs of this instance against the respondent plaintiffs.

Respondents: Victor and Josephine Mangion
'Kejla' 122,
Antonio Schembri Street,
Kappara, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts, (Superior Appeals) today 30th January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

195

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Mary Valletta, Rikors numru 32/2007, ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Emanuela Grech, xebba, bint il-mejtin George u Maria neé Scerri, imwielda r-Rabat (Għawdex) u mietet f'Tal-Pietà fil-5 ta' Marzu, 1991, ta' 88 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 65502 (G).

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment għandu jsir nhar il-Ħamis l-1 ta' Marzu 2007, fil-10.30 a.m., fl-Annexe tal-Qorti fi 22, Triq id-Dejqa, Belt Valletta, fejn din il-Qorti toqgħod b'att tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 31 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an Application of Mary Valletta, Application number 32/2007, ordered the opening and publication of the secret will of Emanuela Grech, unmarried, daughter of the late George and Maria neé Scerri, born in Rabat (Gozo) and died in Pietà on the 5th March, 1991, aged 88 and who had identity card number 65502 (G).

The opening and publication of this will shall be held on Thursday 1st March 2007, at 10.30 a.m., at the Court Annexe at 22, Strait Street, Valletta where the Court holds its sitting, by deed of Notary Dr. Joseph Tabone.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 31st January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

196

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-19 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-4 ta' Diċembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmel Muscat (ID322466M) ta' 197, Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u erba' ċenteżmi (Lm328.04) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (1064/06GMA) hija differita għat-12 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Registru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 31 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 19th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 4th December 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmel Muscat (ID 322466M) of 197, Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, to pay the plaintiff company the sum of three hundred and twenty eight Maltese liri and four cents (Lm328.04) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1064/06GMA) is put off on the 12th February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 31st January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

197

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-12 ta' Diċembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Msida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jean-Pierre Caruana ta' 89, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin lira Maltija u tnax-il ċenteżmu (Lm275.12) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (866/06GMA) hija differita għat-12 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 12th December 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara filed a Claim on the 29th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Jean-Pierre Caruana of 89, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seventy five Maltese liri and twelve cents (Lm275.12) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 866/06GMA) is put off on the 12th February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

198

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru 2006, fl-atti tar-Rikors ġuramentat numru 789/06 AF, fl-ismijiet Perit Anthony Fenech Vella (ID Card Nru. 26449M) vs Joseph Pace (ID Card Nru. 384735M) u martu Maria Carmela Pace (ID Card Nru. 182835M) u Scala Developments Limited (C 18453), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni għall-fini ta' notifika, fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi s-soċjetà Scala Developments Limited (C 18453) ġiet notifikata bir-Rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi , din il-pubblikazzjoni għandha sservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Pace (ID Card Nru. 384735M) u martu Maria Carmela Pace (ID Card Nru. 182835M), biss.

Permezz ta' Rikors ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-23 ta' Awissu 2006, fl-ismijiet Perit Anthony Fenech Vella (ID Card Nru. 26449M) vs Joseph Pace (ID Card Nru. 384735M) u martu Maria Carmela Pace (ID Card No. 182835M) u Scala Developments Limited (C 18453), ir-rikorrenti Perit Anthony Fenech Vella, espona bir-rispett:

Illi l-esponenti huwa kreditur ta' l-intimati Joseph Pace u martu Maria Carmela Pace, versu s-somma ta' ħamest elef u erbgħin Lira Maltin u disgħin ċenteżmu (Lm5,040.90), rappreżentanti spejjeż u drittijiet professjonali dovuti lilu għal

It is hereby notified that by means of a decree given on the 16th October 2006, in the records of the Sworn Application number 789/06 AF, in the names Architect Anthony Fenech Vella (ID Card No. 26449(M) vs Joseph Pace (ID Card No. 384735M) and his wife Maria Carmela Pace (ID Card No. 182835M) and Scala Developments Limited (C 18453), ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the company Scala Developments Limited (C 18453) was notified with the sworn Application above mentioned, this publication, is to serve for the purpose of notifying Joseph Pace (ID Card No. 384735M) and his wife Maria Carmela Pace (ID Card No. 182835M), only.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, on the 23rd August 2006, in the names Architect Anthony Fenech Vella (ID Card No. 26449M) vs Joseph Pace (ID Card No. 384735M) and his wife Maria Carmela Pace (ID Card No. 182350(M) and Scala Developments Limited (C 18453) the applicant Architect Anthony Fenech Vella pleaded with respect:

That the applicant is a creditor of the respondents Joseph Pace and his wife Maria Carmela Pace for the sum of five thousand and forty Maltese Liri and ninety cents (Lm5,040.90) representing costs and professional fees due to him for

servizzi professjonali reżi lill-istess intimati konjugi Pace fuq inkarigu tagħhom stess, oltre l-imgħaxijiet legali dovuti fuq l-istess kreditu.

Illi l-imsemmi kreditu ta' ħamest elef u erbgħin Lira Maltin u disgħin ċenteżmu (Lm5,040.90) hu munit b'ipoteka speċjali numerata 1474/2005 (Dok. AVF1) iskritta fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fuq (a) il-flat bin-numru wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' flats li jġib in-numru sebgħa u tletin (37), Tigné Sea Front, Sliema u li għandu in komuni mal-flats l-oħra formanti part mill-istess blokk, l-entratura, it-taraġ, il-lift, is-sistema tad-drenaġġ u l-bejt; u (b) l-appartament numru sitta u tletin ittra (36A), Tigné Sea Front, Sliema.

Illi fil-bejgħ bl-irkant li sar, fit-22 ta' Novembru 2005, taħt l-awtorità ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Subbasta numru 24/2003), liema subbasta kienet motivata minn talba tas-soċjetà Bank of Valletta plc et, il-proprjetà immobiljari fuq imsemmija, dak iż-żmien proprjetà ta' l-intimati Joseph u Maria Carmela konjugi Pace, ġiet liberata a favur is-soċjetà intimata Scala Developments Limited, versu il-prezz ta' (a) mija u ħamsa u sebgħin elf Liri Maltin (Lm175,000) għar-rigward l-appartament numerat wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' flats li jlib in-numru sebgħa u tletin (37), Tigné Sea Front, Sliema, u (b) mija ħamsa u ħamsin elf liri Maltin (Lm155,000) għar-rigward ta' l-appartament bin-numru sitta u tletin ittra 'A' (36A), Tigné Sea Front, Sliema.

Illi dan l-akkwist bis-saħħa tas-subasta fuq imsemmija ġie insinwat fir-Reġistru Pubbliku fit-23 ta' Diċembru 2005 u rreġistrat bl-insinwa numru 24372/2005 (Dokument AFV2).

Illi in forza tal-protest ġudizzjarju preżentata mill-esponenti fit-18 ta' April 2006, numerat 185/2006 (Dokument AFV3) l-intimati Joseph u Maria Carmela konjugi Pace, ġew interpellati jħallsu d-dejn minnhom dovut fil-waqt li s-soċjetà Scala Developments Limited, ġiet interpellata sabiex a tenur ta' l-artikolu 2071 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrilaxxja mingħajr ebda riżervi l-immobili fuq imsemmi jew tħallas id-dejn ipotekarju fl-intier tiegħu, u għalhekk poġġa lil-intimati kollha in dolo, mora et culpa, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Għaldaqstant in vista tal-premess jgħidu għalhekk l-intimati għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi fuq (a) l-appartament numerat wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' appartamenti li jġib in-numru sebgħa u tletin (37), Tigné Sea Front, Sliema, u li għandu in komuni mal-flats l-oħra formanti parti mill-istess blokk, l-entratura, it-taraġ, il-lift, is-sistema tad-drenaġġ u l-bejt; u (b) l-appartament numru sitta u tletin itra 'A' (36A)

professional services rendered to the same respondents spouses Pace following their request, besides legal interests due on the same credit.

That the said credit of five thousand and forty Maltese Liri and ninety cents (Lm5,040.90) is secured by a Special hypothec numbered 1474/2005 (Doc. AVF1) enrolled in the Public Registry of Malta on (a) flat bearing number one (1) forming part of a block of flats bearing number thirty seven (37), Tigné Sea Front, Sliema and which has in common with the other flats forming part of the same block, the entrance, the staircase, the lift, the drainage system, and the roof; and (b) the apartment number thirty six letter (36A), Tigné Sea Front, Sliema.

That in the judicial sale held on the 22nd November 2005, under the authority of the Honourable First Hall Civil Court, (Judicial Sale number 24/2003), which judicial sale was carried out following a request of the company Bank of Valletta plc et, the immovable property above mentioned, at that time property of the respondents Joseph and Maria Carmela spouses Pace, was adjudicated in favour of the respondent company Scala Developments Limited towards the price of (a) one hundred seventy five thousand Maltese Liri (Lm175,000) as regards the apartment numbered one (1) forming part of a block of flats which bears the number thirty seven (37), Tigné Sea Front, Sliema, and (b) one hundred fifty five thousand Maltese Liri (Lm155,000) as regards the appartment with number thirty six letter 'A' (36A), Tigné Sea Front, Sliema.

That this acquisition by means of the judicial sale above mentioned was enrolled in the Public Registry on the 23rd December 2005 and registered with registration number 24372/2005 (Document AFV2).

That in virtue of a judicial protest filed by the applicants on the 18th April 2006, numbered 185/2006 (Document AFV3) the respondents Joseph and Maria spouses Pace were called upon to pay the debt due by them, whilst the company Scala Developments Limited was called so that in terms of article 2071 of the Maltese Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta it releases without any reservations the immovables above mentioned or pay the hypothecary debt in its entirety, and thus put all the respondents in dolo, mora and culpa for all intents and purposes of law.

Thus in view of the premised, the respondents are to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that on (a) the apartment numbered one (1) forming part of a block of apartments bearing number thirty seven (37), Tigné Sea Front, Sliema and which has in common with the other flats forming part of the same block, the entrance, the staircase, the lift, the drainage system and the roof; and (b) the apartment number thirty six letter 'A' (36A)

Tigné Sea Front, Sliema taggrava l-ipoteka speċjali rreġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta permezz ta' nota ta' l-insinwa numru 1474/2005 (Dokument AFV1).

2. Tiddikjara illi l-intimati baqgħu inadempjenti nonostante li ġew debitament interpellati bil-protest ipotekarju fuq imsemmi;

3. Tordna l-bejgħ bis-subbasta ta' l-immobili fuq imsemmija, sabiex mir-rikavat l-esponenti jkun jista' jitħallas il-kreditu dovut lilu, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest ipotekarju ppreżentat fit-18 ta' April 2006, kontra l-intimati li huma inġunti għas-subbizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Tigné Sea Front, Sliema there exists the special hypothec registered in the Public Registry of Malta by means of a note enrolment number 1474/2005 (Document AFV1).

(2) Declare that the respondents remained in default notwithstanding that they were duly called upon with the hypothecary protest above mentioned;

(3) To order the judicial sale of the immovables above mentioned so that from the proceeds the applicants can be paid the debt due to him, together with the interests and all the judicial expenses.

With costs, including the hypothecary protest filed on the 18th April 2006, against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Registry of the Superior Courts, today 31st January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

199

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-21 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Msida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba fit-12 ta' Ottubru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Raymond Grima ta' 10, Sqaq id-Duluri Numru 1, il-Ħamrun, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm262.91) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (909/06ISB) hija differita għas-6 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 21st November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara filed a Claim on the 12th October 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Raymond Grima of 10, Sqaq id-Duluri Numru 1, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and sixty two Maltese liri and ninty one cents (Lm262.91) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 909/06ISB) is put off on the 6th February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

200

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-8 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Jennifer Zahra, f'isimha proprju u f'isem il-minuri Kurt Bonello (ID484076M) ta' Helman, Triq l-Imnarja, Dingli, ippreżentat talba fid-9 ta' Novembru 2006 fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ian Bonello (ID69375M) ta' 4, Alley 5, Triq il-Kbira, Dingli, sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1,100) liema ammont huwa dovut lill-attriċi rappreżentanti manteniment għall-minuri.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (1004/06GMA) hija differita għat-12 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Jennifer Zahra, in her own name and on behalf of the minor Kurt Bonello (ID484076M) of Helmar, Triq l-Imnarja, Dingli, filed a Claim on the 9th November 2006 whereby she asked the Tribunal to condemn Ian Bonello (ID69375M) of 4, Alley 5, Triq il-Kbira, Dingli, to pay the plaintiff the sum of one thousand one hundred Maltese liri (Lm1,100) which amount is due to the plaintiff representing maintenance for the minor.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1004/06GMA) is put off on the 12th February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 1st February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

201

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-16 ta' Jannar, 2007 fuq rikors ta' CATHERINE ABDILLA ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 1 ta' Marzu, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-14 ta' Settembru, 2006 li għandu jsir fil-kuriduri ta' dawn il-Qrati, tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Il-fond numru ħamsin (50), magħruf bħala YAMMARK HOUSE, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi, stmat li jiswa Lm80,000.00ċ.

2. Garage sottostanti l-istess propjetà bla numru, Triq ix-Xitwa, Ħal Qormi, stmat li jiswa' Lm20,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' CARMEL ABDILLA u CATHERINE ABDILLA.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Lulju, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 29 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 16th January, 2007 on the application of CATHERINE ABDILLA, Thursday, 1st March, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 14th September, 2006 to be held in the corridors of these Courts, of the following property.

1. Tenement number fifty (50, known as YAMMARK HOUSE, Winter Street, Qormi, valued at Lm80,000.00c.

2. Unnumbered garage underlying the above mentioned property, in Winter Street, Qormi, valued at Lm20,000.00c.

The said tenement is the property of CARMEL ABDILLA AND CATHERINE ABDILLA.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Joseph Ellul Vincenti, A&CE, on 5th July, 2005.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 29th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*